MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 261/2006

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Simcol Limited, Simon u Charlotte mizzewgin Coleiro

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. li bih espona:

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Simcol Limited, u 2. Simon u Charlotte mizzewgin Coleiro (Citazz. Numru 1153/00JRM) (Dok "A"), is-socjeta` rikorrenti kienet giet kanonizzata kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' ghoxrin elf, mija u ghaxar Liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm20,110.76) kwantu ghal dsatax-il elf, erba' mija u disgha u hamsin Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm19,459.10) sorte u kwantu ghal sitt mija u wiehed u

hamsin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm651.66) spejjez tal-kawza skond taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dok. “B”, flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ April 2000 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi, il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti llum jammonta ghal erbgha u ghoxrin elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm24,824.20) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta meta s-sentenza fuq imsemmija kienet setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-konvenuti kien ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fl-24 ta’ Jannar 2001 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta’ erbgha u ghoxrin elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm24,824.20) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed il-P.L. Joseph Zammit li semma li hu ghandu r-rapprezentanza legali tas-socjeta` rikorrenti. Ipprezenta prospett bl-interessi semplici mahdumin sal-5 ta’ Mejju li juru zbilanc ta’ Lm25,067.877. Qal li mid-data tal-prezentata tar-rikors u cioe` mid-data tas-sentenza ‘il hawn saru xi hlasijiet pero` l-ammont dovut hu superjuri ghal dak li thallas. Ikkonferma li hemm Lm5,000 aktar mill-ammont indikat fir-rikors li juri li dan hu superjuri ghall-ammont indikat fir-rikors.

Rat illi l-intimati pprezentaw nota ta’ ammissjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, it-talba tal-bank rikorrent tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha fis-sens li tawtorizza lill-istess bank jezegwixxi s-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fl-24 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex jottjeni l-pagament ta' erbgha u ghoxrin elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm24,824.20) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------